### Lourdes tmur kemm tmur dejjem sabiħ

Grupp ta' nies minn diversi postijiet ta' Malta ġew magħna fil-pellegrinaġġ li għamilna din is-sena f'Lourdes. Dawk li ġew kienu ta' għajnuna fix-xogħol tas-Soċjeta' tagħna. Barra li kellna l-grazzja li nitolbu u mmissu l-għar fejn dehret il-Madonna, kellna okkazzjoni indru xi postijiet tas-sew sbiħ li hemm qrib Lourdes.




Xi wħud mill-grupp li ġew għar-ritratt

### l-Ewwel Professjoni

Il-Mulej għal darb'oħra tbissem lis-Soċjetà tagħna permezz ta' żewġ żgħażagħ oħra li temmew in-novizzjat tagħhom u għamlu l-Ewwel Professjoni. David Scicluna, minn ħal Safi, u John Michael Dimayacyac, mill-Filippini, nhar id-19 ta' Settembru, 2010, għamlu l-wegħda tagħhom quddiem is-Superjur ġenerali, Fr Bernard Mangion, u fil-presenza tas-Superjur Reġjonali, Fr Louis Mallia, u tal-membri MSSPf'Malta. Kien hemm presenti wkoll familjari u ħbieb tagħhom.

Illum xtaqna naqsmu magħkom il-kliem sabiħ li dak in-nhar dawn iż-żewġ żgħażagħ stqarrew.

*Jiena, għall-glorja t'Alla imqanqal minn rieda soda biex nikkonsagra lili nnifsi lilu b'mod intimu u biex nimxi wara l-Imgħallem Kristu aktar mill-qrib b'ħajti kollha, quddiem ħuti hawn preżenti inwiegħed għal sena, Safa, Faqar, Ubbidjenza u Sevizz fil-Missjoni, skond il-Kostituzzjonijiet tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.*

*Noffri lili nnifsi lil din is- Soċjetà b'qalbi kollha sabiex bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu u bl-interċessjoni tal-Verġni Mbierka Mtellgħa s-Sema u dik ta' l-Appostlu Pawlu, jiena nista' nikseb il-karita perfetta fis-servizz t'Alla u tal-Knisja.*

Nheġġukom biex iżommu fit-talb tagħkom lil dawn ħutna ħalli l-Mulej ikompli jberikhom b'imħabbtu u ħalli żgħażagħ oħra jgħidu iva lil Mulej.

Fr. Martin Galea mssp



## Fundazzjoni Quddies Wara Mewtek

Ħuti Iż-żmien igerbeb u l-Mulej jibgħat għalina

**Int qatt ħsibt għal xi ħaga wara mewtek? Tista' twaqqaf Fundżżjoni ta' Quddies Aħna lesti biex nieħdulek ħsieb.**

X'għandek tagħmel?

Tista' tagħmel din il-Fundazzjoni f'ħajtek jew Tista' tħallih fit-testment

Il-quddies tal-fundazzjoni jtqaddsu appena tigi nieqes/a



## Ir-rigal mill-MSSP



Kien ħabib intimu tiegħi Victor Apap!

Ma kienx ikun l-Belt li ma jiġix fejni fl-uffiċċju ta' strada stretta, il-Klabb Kotba Maltin. Min jaf kemm iddiskutejna kotba tal-Klabb hemm!

Imbagħad kolna mmorru nieħdu kapuċċin mill-La Vallette, inwasslu sat-terminus biex jaqbad in-numru tnejn u sittin li kienet tgħaddi minn quddiem il-bieb tiegħu f'Tower Road Sliema.

Darba narah dieħel jidħak!

'Għandi rigal illum għalik,' qalli. 'Għandek minuta ħin?'

U qomt minn posti wara l-mejda li kelli fl-uffiċċju u ħriġt miegħu.

U morna La Vallette, sibna mejda u poġġejna qalli: 'Pawl, ma għadnix niflaħ!' qalli b'nofs daħka. 'Irridek tieħu posti fl-MSSP!'

Inħsadt! Qatt ma kont naf li jmur l-MSSP.

'Iva!' qalli 'Għejjejt ngħallem. U nixtieqek tmur tgħallem floki!'

Dak il-ħin waqaf. Rajt demgħa ċċarċar ma' ħaddejh. Anke jien waqaft.

Is-silenzju kien twil! U, la jien u lanqas hu ma konna kapaċi nlissnu kelma! Xrobt il-bqija tal-kafè malajr u għidtlu; 'ixrobha wkoll tiegħek. Illum, inwasslek jien!'

Kont għadni bil-Hilmann il-ħamra. 'Illum, irridu nimxu ftit,' għidtlu 'Ipparkjajt għan-niżla 'l isfel minn Kastilja.

U kif wasalna ftaħtlu u Victor daħal fis-seat u jien, sadattant, ftaħt il-bieba tan-naħa tiegħi, dawwart l-istering u mbuttajtha għan-nizla u dħalt niġri f'posti.

Imbagħad beda l-istorja tiegħu. Qalli: 'Mela, mifthemin aħna. F'Ottubru li ġej sa tibda floki tgħallem il-Malti!'

Jien ħarist lejh. Ma kellix kuraġġ ngħidlu: 'Le, aħna ma ftiehmna xejn!'

Victor kien ħabib intimu tiegħi. Dak li jgħid hu ma kontx immerih. U f'Ottubru, kif qal, jien mort l-MSSP u ħadt il-klassi tiegħu. Form two u Form three. Tlietin student f'kull klassi.

It-tfal malli rawni għat-talba fil-bitħa bilkemm ma qabdux jidħku. Imbagħad, wara li qal it-talba, Fr. Mangion, il-headmaster awgura lil kulħadd sena tajba. Forms two u three sa jkollhom surmast ġdid għall-Malti. Flok Mr. Apap. Sa jkollkom minn din is-sena lil Mr. Mizzi. Sa tkomplu fejn ħallejtu fis-syllabus. Mr Mizzi sa jagħmel sagrifiċċju kbir. Qisu li dak li jagħmel magħkom trodduhulu! Good Morning u awguri!'

Minn dak il-ħin ħassejtni teacher mill-ġdid. Wara ħmistaxil sena!

Imbagħad x'ħin mort quddiem il-klassi donni nfxilt. Raddejt is-salib u għidtilhom: 'Nibdew b'talba f'qalbna lil dak li fetħilkom din l-iskola. Lil Monsinjur Depiro. Itolbu li tridu. Dak il-ħin f'qalbi għidt: 'Għaziz monsinjur għenni nwassal lil kull wieħed minn dawn uliedek fejn kellek il-ħsieb li twassalhom int!'

Domt ma' dawn it-tfal ta' Victor sa Form five. Għamlu l-GCE tal-Malti u wara ma rajthomx iżjed.

Darba, imma, ħafna snin wara waqt li kont fl-uffiċċju tiegħi ġiet is-segretarja u qaltli; 'Hawn raġel irid ikellmek!'

Ma ridx nemmen lil għajnejja. Kien Abela, dak l-iktar li kien imqareb. Kont inkun irrid nisparah. Imma kont nissaporti. Hekk kien jgħallimna Bro Cuthman fiċ-Child Psychology. 'The teacher's reward is lasting!'

'Jien Dr John Abela, avukat u Head tal-skola tat-translation tal-Malti fi Brussels. Taħti għandi 200 tifel. ġejt ħdejh biex nixtri xi kotba għalihom! Ma ninsihiex it-talba li ġagħaltna ngħidu meta ġejt l-ewwel darba quddiemna fil-klassi.'

Twerrict! U iktar berraqt għajnejja meta ppreżentali lista minn sħabu tal-iskola tal-MSSP li kienu qed jgħinuh fix-xogħol tiegħu.

Dak il-ħin għalaqt għajnejja u f'qalbi għidt: 'Grazzi, Monsinjur De Piro! Il-ħolma tiegħek għintni nagħmilha realtà!'

* Minħabba raġunijiet personali l-isem Abela hu fittizju

Pawlu Mizzi
Fundatur tal-Klabb Kotba Maltin




MSSP100

# Aħna lilkom

HOLQA BEJN IL-ĦBIEB

Novembru 2010 / Għadd 452 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP




## Membru tal-MSSP jinħatar Vigarju Ġenerali tal- Prelatura ta' Chuquibamba, Peru'

Fr. Norbert Bonavia mssp

*F'waħda miz-zoni li fihom qed jaħdmu l-membri tas-Soċjeta tagħna fil-Peru, hija l-Prelatura, (diocesi) ta' Chuquibamba. Dan l-aħħar l-Isqof tal-post, Mons. Mario Busqueta Jorda', wara li ikonsulta mas-saċerdoti tal-post, għażel lil Dun Gorg Scerri tas-Soċjeta' tagħna, bħala Vigarju ġenerali tiegħu.*

Permezz ta' din l-għażla l-Isqof qal, li qed jgħamel dan, mhux biss għax jagħraf il-kwalitajiet sbiħ li għandu Dun Gorg u bħala rikonoxxenza għal-ħidma kbira li għamel kemm ilu fil-Peru; imma wkoll bħala apprezzament għal dak kollu li s-Soċjeta tagħna qed twettaq f'din l-art tal-missjoni.

Meta saqsejt lil Dun Gorg f'hiex jkkonsisti dan il-ministeru ġdid tiegħu huwa qalli hekk, "Fi ftit kliem, jien ser ngħin lill-Isqof fit-tmexxija tad-dijoċesi. Dan il-ministeru, fid-dijoċesi tagħna ifisser ħafna affarijiet. Imma biex wieħed jieħu ideja nista' nsemmi xi ħaġa: għajnuna lil kapillani u saċerdoti fix-xogħol pastorali tagħhom, problemi tal-parruċċani, bdil ta' saċerdoti minn parroċċa għal oħra, firm ta' dokumenti u oħrajn."

Il-Peru' għandu 69 djocesi imqassma, mal-kosta, fil-muntanji u fil-foresta immensa tal-Peru qalb l-indigeni . Għandha postijiet kwazi mal-livel tal-baħar u irħula l-fuq minn erbat' elef metru fuq il-livel tal-baħar. Imbgħad għandna irħula li qiegħdin fuq il-muntajni. Il-Prelatura ta' Chuquibamba qiegħda fil-belt ta' Camana'. L-ewwel Isqof kien il-Maltin Mons. R. Gauci O.C. Din il-prelatura hija maqsuma f'erbà provinċji. Aħna qiegħdin fil-provinċja ta' Castilla.

Ta' min jgħid li Dun Gorg wara li sar saċerdot, fil-1965, kien għal xi zmien "House Father" fid-Dar ta' S. Ġużepp, u imbgħad mar għall-sena fil-parroċċa tagħna fil-Kanada u f'Gunju tal-1969, igifieri 41sena ilu wasal il-Peru. Wara ftit sar kappilani tal-parroċċa ta' S. Piertu, fejn dam tmintax il-sena. F'1986 mar Ruma biex isegwi kors fl-Universita' Urbanjana. Lura l-Peru, reġa ġie mahtur kappillan tal-parroċċa tas-Salib Imqaddes. Fit 23 ta' Gunju 2001 fin-nofsinhar tal-Peru, sar terremont qawwi fejn kienu waqgħu ħafna djar u mietu ħafna nies. Dak inhar kienet waqet ukoll il-knisja parrokjali ta' Aplao, dedikata lil S. Pietru. Dun Gorg reġa'ġie mibgħut hemm biex jibni mill-ġdid il-knisja parrokkjali li taħha imbgħad sar kappillan u għadu hemm sal-lum.

Fil-waqt li nifirħulu għal dan il-ministeru ġdid inwiegħduh it-talb tagħna.



L-Isqof M.Busqueta Jorda' u Fr. Gorg




Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# Il-Missjoni tagħna fil-Filippini

*Issa ilna ħdax il-sena ġewwa l-pajjiż tas-sebat elef gzira....il-Filippini. Dawn is-snin kienu importanti, għaliex barra li poġġejna saqajna f`dan il-post, kellna ż-żmien naraw liema direzzjoni se nieħdu u anke kif se ngħixu l-karizma missjunarja tagħna. Wara l-perjodu ta' inseriment tal-bidu, li mhux dejjem faċli speċjalment il-lingwa u l-kultura, ippruvajna wkoll naraw x`inhuma dawk l-elementi, l-valuri, użanżi u t-tradizzjonijiet li jagħmlu l-Filippini differenti minn pajjiż ieħor Asjatiku.*





Sa mill- ewwel snin għamilna l-aħjar li stajna sabiex insiru familjari man-nies ta' madwarna, ħalli b`hekk inkunu nistgħu nifmuhom u ngħinuhom fl-iżvilupp soċjali, spiritwali u edukattiv tagħhom. Aħna l-MSSP qbilna li kif jħeġġiġna l-fundatur rridu nimxu id f`id man-nies, fil-vjaġġ spiritwali tagħhom. Il-Filippini hu l-iktar pajjiż fl-Asja 82% li huma nsara. Pero, dan il-pajjiż huwa ukoll wieħed mill-postijiet fqar tal-Asja. Hawn fil-belt kapitali Manila, għadek tara tant u tant nies jgħixu fil-faqar. Tiġi il-mistoqsija għaliex f`pajjiż nisrani għadek issib tant faqar? Tfal u familji jgħixu fit-toroq u fuq il-bankina, nies bla xogħol, tallaba u kull xorta ta' tbatija u miżerja.

Minn naħa tagħha l-knisja qed tagħmel li tista, pero għandna l-bogħod. Il-Kardinal ta' Manila, Gaudencio Rosales ftit tas-snin ilu beda sistema bl-isem Pondo ng Pinoy fejn jingabru 25 cents,minn min jista u dawn imorru fil-progetti favur il-fqar, xiri ta mediċina u ikel, skolarships lill-istudenti, u bżonnijiet oħra. S'issa diġa inġabra mal-200 miljun peso. Qatra ta' tama f`bahar kbir ta sofferenża.

Il-ministeru tiegħi prinċipalment, huwa Campus Ministry ġo diversi universitajiet ġo Manila. Din il-ħidma pastorali, mhiex biss l-formazzjoni nisranija: quddies, qrar u counselling. Hemm ukoll aspett ieħor, il-promozzjoni tal-valuri nsara u umani.

Allura qed isiru seminars u irtiri b`suġġetti vari, bħal ngħidu ahna, leadership skills, l-ekoloġija, tagħlim soċjali tal-Knisja u oħrajn. Nhar ta' ħadd jien immur inqaddes f`post jismu Pael. F`dan il-post hemm kommunita' ħajja magħrufa bħala Basic Ecclesial Community. Huma jiltaqgħu regularment sabiex jistudjaw, jirriflettu u jitolbu dwar il-Kema t`Alla. Dawn wkoll jippjanaw flimkien l-attivitajiet soċjali u ħidma oħra favur il-fqar taż-żona, li hija fqira ħafna.

Inkomplu nitolbu lil Sid il-ħsad sabiex din il-missjoni tkompli titbierek, u aħna l-MSSP nkomplu nwasslu l-messaġġ tas-Saltna t`Alla lil dawn ħutna.

Mill-ġdid grazzi ħafna tat-talb u tal-għajnuna li qed tagħtu lil din il-missjoni ġewwa l-Filippini.

Fr. Lonnie Borg mssp






## Is-Seminarju Internazzjonali MSSP ġewwa Manila

Is-sena 2010 ħija waħda importanti għalina bħala Missjunarji MSSP. Qiegħdin infakkru il-mitt sena minn meta il-fundatur tagħna l-Qaddej t'Alla Mons. ġużeppi De Piro ifforma l-ewwel komunita biex b'hekk inata bidu ghal dik li llum hija is-Soċjeta Missjunarja ta San Pawl. Il-ħolma principali tiegħu kienet li hu, flimkien ma' diversi saċerdoti oħra jiffurmaw komunitajiet missjunarji bl-għan prinċipali li jaqdu lil dawk li kienu minsija fis-soċjeta ta' żmienu. Nistgħu ngħidu li għall-fundatur, li jgħin lil fqir, abbandunat, u l-dawk il-bogħod mis-sapport basiku tal-ħajja kienet iċ-ċentru tal-ħidma tiegħu. Pero dan iż-żelu xtaq li jaqsmu ma' oħrajn. Ma kien faċli xejn li jifforma din il-komunita u ħafna ippruvaw u qatgħu qalbhom. Pero dan ma' żammux lura għalkemm kellu jbati ħafna biex jara ftit frott f'ħajtu.

Illum, mitt sena wara ma' nistgħux ma' mmorrux lura fil-ħsieb u nirringrazzjaw lil Alla li bil-mod misterjuż tiegħu il-ħolma tal-fundatur ħadhet forma ġmiela. Jien xtaqt naqsam magħkom mod wieħed ta' kif l-ispirtu missjunarju għadu jaħdem magħna u l-fundatur żgur li qed jinterċedi għalina.

Din hi it-tieni sena li ġewwa il-Filippini għandna il-formazzjoni internazzjonali. Dan ifisser li dawk is-seminaristi li jkunu waslu fl-aħħar fażi tal-formazzjoni tagħhom iħallu pajjizhom biex jinaqdu ma' oħrajn ħalli jifformaw komunita internazzjonali. L-għan prinċipali hu li dawn il-futuri membri tas-Soċjeta jkunu trawmu biżżejjed f'ambjent miftuh għal kulturi differenti b'tali mod li meta jiġu biex jaħdmu bħala saċerdoti jkollom l-esperjenza missjunarja meħtieġa. ġeneralment din il-formazzjoni tieħu erba' snin u tul dan iż-żmien is-seminaristi jistudjaw it-tejoloġija, jaħdmu pastoralment f'diversi ambjenti, u jkomplu jissaħħu fil-vokazjoni tagħhom. Dan kollu jseħħ f'ambjent komunitarju.

Bħal-issa għanda grupp ta' sitt seminaristi ġejjin minn Malta u mill-Peru. Kif tistgħu timmaginaw il-kulturi diversi li kull wieħed iġib miegħu huma sfida mhux żgħira biex jadattaw għal xulxin pero mil-banda l-oħra hi opportunita unika ta' ftuħ lejn l-oħrajn.

Jekk dan il-progett hu grazzja minn Alla u mmexxi taħt il-protezzjoni tal-fundatur, bħala membri fil-Filippini, ma' nixtiequx nieqfu hawn. Il-pass li jmiss ġewwa din il-missjoni hu li nifitħu seminarju għal dawk iż-żgħażagħ lokali li jħossu li 'l-karizma missjunarja MSSP t'appella għalijhom. Vokazzjonijiet fil-knisja lokali mhux nieqsa pero rgħajja biex jieħdu r-responsabilta għal-formazzjoni tagħhom mhux facli issib.

Nispicca b'din it-talba li għamel ġesu innifsu – talba lil Alla biex jiprovdi ħaddiema għall-ħsad tiegħu u lil dawk li diġa qiegħdin fil-kamp tal-ħidma vokazzjonali u l-formazzjoni l-Mulej jgħatihom imħabba speċjali lejħ u lejn dawk iż-żgħażagħ li qed jesploraw is-sejħa missjunarja.

Fr Mark Grima mssp
Responsabli fis-Seminarju internazzjonali

## Il-Parrocca ta' Baatan

Joe Cremona mssp - Kappillan

*Jiena wasalt il-Filippini fis- sena 2000 u għal-bidu li ġejt kien kollox ibes, biss bil-mod il-mod bdejt nidħol fir-realta Filippina. Mall-ewwel ħabbat wiċċi ma' tlett fatturi: il-kultura aziatika, il-kliema li hija dejjem sħana, u l-lingua li hija strutturatha mill-Mali.*

L-ewwel missjunari li waslu qabli bdew ngħinu fil-parroċċi u jistudjaw x'jixtieq minna il-Mulej. Biss wara ftit, Isqof tal-Provinċja ta' Bataan, talabna biex ngħinuh fil-pjan li kellu li jwaqqaf parroċċi ġodda fid-djoċesi tiegħu u hekk bdejna naħdmu fiż-żona li jisimha Pagalanggang.

Meta jien wasalt hawn ma' kien hawn xejn biex wieħed jista' jwettaq il-ħidma tiegħu. L-ewwel xhur kienu iebsin, għax ma' kellix dar permanenti u kont inbiddel ħafna djar, daqqa għax is-sidien kellhom bżonn il-post u daqqa għax kont qiegħed 'l bogħod mill-knisja. Bil-mod il-mod issetiljajt u tellajna post żgħir u fih kelli l-kamra żgħira għalija, l-uffiċċju tal-parroċċa u kamra oħra li isservi bħala sala parrokjali. Imma fir-realta' din isservi għal kollox; il-laqgħat kollha li irrid ngħamel, computers għaż-żagħżagħ u l-attivitajiet l-oħra.

Kien hemm diga' kappella żgħira li kienet sservi bħala knisja parrokjali, imma kienet żgħira ħafna. Allura nkabbart ftit biex almenu jgħoqodu 300 persuna. Bl-għajuna li rcivejt minn Malta tellajt wkoll kamra oħra fuq il-ġemb tal-knisja u għalhekk stajt nibda norganizza l-attivitajiet b'mod naqra aktar aħjar.

Matul dawn il- 5 snin, li issa ilni hawn, għal grazzja t'Alla saru diversi affarjiet. L-attenzjoni tagħna dejjem kienet il-familja u ż-żagħżagħ. Allura għandna diversi komunitajiet li jgħinu lil familji jikbru fil-fidi u l-valuri. Hawn imbgħad il-movimenti li wettqu l-evanġelizazjoni tagħhom bħal; Neo katekumenat, Couples for Christ, Couples for Christ FFL, Cursillo de Cristiandad u diversi komunitajiet taż-żagħżagħ. ħaga sabiħa li kemm iż-żagħżagħ u kemm il-kbar jieħdu sehem attiv, anzi huma stess leaders tal-attivitajiet li jsiru.



Xi sentejn ilu zdiditli zona oħra minn Djocesi qrib. Hawn jgħixu diversi nattivi li jsejħulhom Aetas. Dawn jgħixu fil-muntanji u allura neqsin minn kollox. Bil-mod qed nipruvaw infehmu lil genituri biex jibgħatu lill-uliedhom l-iskola, u ngħinuhom ukoll b'kura medika.

Proġett li bih qed isir ħafna ġid u li seħħ bil-għajnuna taghkom, il-benefatturi, huwa l-sponsorship lil diversi żagħżagħ għall-istudju f'universitajiet. In-numru ta' tfal li jaslu għall-livel universitarju qiegħed dejjem jikber. Għalhekk x-xewqa tagħna hija li nkomplu dan il-proġett għall-istudju li żgur hu ta' ġid għaż-żagħżagħ tagna.

F'isem iż-żagħżagħ u l-parruċani nirringrazzjakom ta'kollox.

